fil-qadi tagħhom, weħedhom u ma oħrajn, ifittxu jtemmu l-Missjoni li Alla taħom fuq dina l-art.

Erwieħ ta' din is-sura jkunu jimxu ma' Marija, l-Omm safja, fil-ħajja tagħha moħbija li għaddiet ġewwa Nazzaret. Imma, għandna nifhmu tajjeb, li dik il-ħajja tagħhom moħbija ma tagħmilhomx inqas miġjubin u maħbubin minn Alla minn dawk il-ftit erwieħ oħra maħturin li tħennew, jew li jitħennu mid-Dehriet ta' l-istess Omm Alla fil-Għar ta' Massabielle ġewwa Lourdes. A.M.C.

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

Wara l-mewt ta' Salamun kien laħaq sultan ibnu Roboamu, li dan, billi ma kienx ried inaqqas it-taxxi minn fuq spallejn il-poplu, għaxar tribu' telqu minn taħt il-ħakma tiegħu u għarrfu b'Sultan tagħhom lil-Geroboamu. B'hekk inħolqot is-saltna l-ġdida ta' Israeli, mifruda minn dik ta' Ġuda, u li din, wara il-firda, baqgħet taħkem fin-naħiet ta' l-għarb b'Ġerusalemm, belt ewlenija tagħha. Ġeroboamu, biex ineħħi kull ħajra min-nies tiegħu li jerġgħu jmorru taħt is-saltna ta' Ġuda, wettaq firda jew xiżma reliġjuża u pulitika, billi flok it-Tempju, ħoloq żewġ għoġol tad-deheb, bħala għelm tal-qawwa ta' Ġeova, 'l wieħed f'Betħel u l-ieħor f'Dan. (Ktieb is-Slaten III, XII, IV, XVII.) Din ix-xiżma fost ulied Ġakobb damet sas-sena 721 Q. K.

Bejn dawn iż-żewġ saltniet, ta' Ġuda u ta' Israeli, l-ġlied ma qata' xejn, sakemm laħaq Sultan Akab, bin Amri, li tħabbeb u x-xierek ma' dawk tan-nisel ta' David (KT. Slat. III 12-16-28). Għalkemm miż-żatax il-sultan li ħakmu fuq Iżraeli, ebda wieħed minnhom ma kien fidil lejn Alla, iżda Alla, sabiex dawk it-tribù xismatiċi ma jaqgħux u ma jħaddnux il-qima ta' l-allat qarrieqa, ħolqilhom u bagħtilhom il-profeti biex iwishom u bagħtilhom il-profeti biex iwishom fil-qima ta' Alla wieħed.

L-aqwa profeti ta' dik il-ħabta kienu ELIJA u ELIŻEW. Mill-Bollandisti Elija jiġi msejjaħ: "Prodigiosus Tesbites" (Act. Sanct. t. V Julii.), u mill-Abarnel: "Omnium suae aetatis prophetarum facile princeps, et si a Moyse discesseris, nulli secundus". (Smith's, Dictionary of the Bible). Mill-bqija, id-dehriet tiegħu qsar u fil-bogħod il-bogħod, il-ħeġġa u l-qawwa li wera fir-rebħiet tal-għaġeb li ġieb fuq il-qerq u l-ħażen, il-mixi li terraq sa fuq is-Sinaj, l-għeġubijiet li wettaq, l-estasi tiegħu sa fuq is-sħab, id-dehra tiegħu fuq l-għolja tat-Tabor, dawn kollha, ma' dak li jgħid minnu l-Kittieb tal-Kotba tas-Slaten, jagħmlu minnu bniedem ta' kobor bla qies. (III Reg., XII, — IV Reg., XVII).

L-akbar ħidma tiegħu hi fi żmien is-sultan Akab, ftit il-fuq mid-900 sena Q.K., u li aħna nistgħu naqrawha fil-Kotba tas-Slaten, III. Aħna hawn natuha kif inhi bil-malti fil-ktieb "Żmien il-Profeti," ta' 'l Alla jtieh il-Ġenna, il-Kommendatur Sur Fons

Galea, mitbugħ għand G. Muscat, fl-1924.

1 *Is-Sultan Akab u l-Profeta Elija.*

Akab, sultan ta' Iżraeli, dineb quddiem Alla meta ħa b'martu lil Ġiżabel, bint Etbal sultan ta' Sajdun u waqa' għaliha x'ħin rieditu jqim l-allat tal-frugħa tagħha Baal u Astarot. U Elija, profeta t'Alla, mar isibu u jnebbħu, u jċanfru għalli għamel, u heddu li Alla ma jdumx ma jagħmel il-ħaqq minnu u minn niesu, jekk kemm-il darba jwebbes rasu u jibqa' fi dnubu.

"L-artijiet taħt il-ħakma tiegħek", mar qallu Elija, "ma jarawx u la xita u anqas nida għal żmien twil sakemm ma ngħid jien. Qed inwissik fl-isem tal-Mulej, jien il-qaddej tiegħu".

U tul ta' tliet snin, u la xita u l-anqas nida ma niżlu fuq dawk l-inħawi.

U Elija sama' leħen Alla meta fissirlu jitlaq u jitbiegħed mill-belt u jinħeba f'xatt l-ilma ġieri ta' Karit ta' biswit ix-xmara tal-Ġordan, fejn iċ-ċawl kienu jwasslulu ħbejża u laħam ta' kull filgħodu u ta' kull filgħaxija. Imma, wara żmien, l-ilma ġieri ta' Karit, mnejn kien imur jixrob, nixef għal kollox, għax ix-xita qatgħet u l-art ma żeditx rat ilma. Mbagħad Alla qal lil Elija:

"Issa jibqa' sejjer lejn Sarebta ta' Sajdun, u hemm tiltaqa' ma' waħda armla li taħsiblek għall-ħajja".

U Elija sama' minn Alla u telaq minnufih u baqa' sejjer lejn Sarebta.

X'ħin wasal qrib dik il-belt, lemaħ waħda mara tiġbor il-ħatab. Sejħilha u talabha timlielu daqsxejn ilma ġewwa żir biex jaqta l-għatx. U filħin reġa' dar lejha u talabha tnewwillu kisra ħobż: "Għax għandi l-ġuħ!" qalilha.

Wegħġbitu bil-ħniena dik l-armla, għad li pagana, u kienet fqira għall-aħħar. Ikun imbierek Alla tiegħek; jiena ħobż ma baqagħlix; qabda dqieq fadalli f'qiegħ ta' nħasa u qasba żejt f'daqsxejn ta' kus. Kont bi ħsiebi ninġabar f'dari b'dawn l-erba' nitfiet ta' frieghi niexfa li sibt inlaqqat, insajjar id-daqsxejn ta' dqieq għalija u għal ibni, biex ladarba nkunu trejjaqna għall-aħħar darba, ma jibqalniex aqwa mill-mewt"!

Wegħġibha l-Profeta: "M'għandekx, le, mniex taqta' qalbek, oħti; mur f'darek, agħmel dak li int kellek fehma tagħmel: iżda, qabel xejn, aħseb xawwatli ftira għalija, u mbagħad aħseb għalik u għall-ibnek".

Inġabret id-dar dik l-imsejkna armla u semgħet minn kliemu: u Elija kiel dak li ħejjietlu dik il-mara l-ħanina, u warajh kielet hi u niesha. U minn dak inhar sa Alla bagħat ix-xita fuq l-art, qatt ma ġie nieqes id-dqieq mill-inħasa u anqas iż-żejt ma naqasha fil-kus!

U ġara' wkoll li żmien wara, bin l-armla marad u naqaslu n-nifs sa ruħu ħarġet; u l-imsejkna ta' mara ma kienitx taf fejn tagħti rasha, tbikkmet u marret ħaditha ma' Elija u waħħlet f'moħħa li ħtija ta' dnubietu li binha miet. Elija, fuq hekk, ħadilha l-binha minn ħoġorha u mar meddu fuq soddtu u nxteħet fuqu għal darbtejn tlieta jitlob 'l Alla jroddlu l-ħajja: "Muleja, iddew qajmu mill-imwiet lil dan it-tfajjel!" U ruħu reġgħetlu f'ġismu, u dlonk it-tifel tħarrek u stejqer; u Elija reġa' refgħu u wasslu għand ommu.

U tul ta 'tliet snin u nofs, anqas qatra ilma jew ndewwa ma waqgħet fuq wiċċ dawk l-artijiet, u l-ġuħ għakkishom lin-nies ta' Iżraeli, u anqas x'jiraw ma kienu jsibu l-mer-

ħliet tal-imgħaġ u bhejjem l-oħra. Fuq hekk Akab bagħat ifittex il-profeta ma' kullimkien fost il-ġnus l-oħra u s-saltniet tal-qrib tiegħu, iżda ħadd ma kien sama' bih. Fl-aħħar, wara dawn it-tliet snin u nofs, il-Mulej nebbaħ lil Elija jitlaq u jibqa' sejjer għand Akab u jfehmu x'għandu jagħmel biex jarġa' jagħti x-xita 'l wiċċ l-art. U Elija sama' minn Alla, u mar ifittex l-Akab fis-saltna tiegħu. L-ewwel ma ltaqa' ma' Abdijas, raġel twajjeb, ħakem f'dar is-sultan u sabu mħabbat jara mnejn jikseb l-ilma għall-bhejjem, ma jafx aktar fejn jagħti rasu. "Mur," qallu minnufiħ il-profeta, "mur bilġri għarraf lil sidek li Elija hawn".

Imma Abdijas qabad jitnikker, għax daħallu f'moħħu li jekk jaħsel jitilqu waħdu, għandu mnejn Alla jaħtaflu lil Elija u jaħbih, u sa jesal is-sultan isibu għosfor. Fuq hekk, qallu Elija: "F'l-isem t'Alla, ja Abdijas, jien nagħtik kelma li dan il-jum is-sultan jara wiċċi".

U filwaqt, Abdijas mar għal Akab; u s-sultan u l-profeta sabu ruħhom wiċċ imb'wiċċ. Elija, kif iltaqgħu, qabad minnufiħ ilumu li hu żamm mat-triq il-ħażina biex jitgħażżaq b'allat ta' martu. U mbagħad qallu lis-sultan: "Issa int ibgħat bandu lill-ulied Iżraeli ħalli jinġabru fuq l-għolja tal-Karmelu, u magħhom jiltaqgħu hemm il-qassisin ta' Baal u ta' l-allat tal-frugħa l-oħra". U Akab bagħat isejjaħ lill-ulied Iżraeli u lill-qassisin kollha ta' Baal fuq il-għolja tal-Karmelu.

A.M.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Qadi l-awlâd, xanaq ħâlu.* (L-Imħallef tat-tfal, ikkundanna għat-tagħliq lilu n-nifsu). Għax mat-tfal ma ssibx raġuni. Tkellimhom, u taħsibhom fehmuk, imma wara ssib li fehmuk ħaġa oħra, jew jagħmlu ta' bir-ruħhom li fehmuk ħażin. Għal hekk jingħad li t-tfal bħal ġrieden: tagħlaqilhom minn hawn, jifthulek minn hemm. Ma tistax issib tarfhom. Għalihom ħaġa waħda hemm: sabar.

*Axadd waġgħa, l-waġgħa l-ħâdra.* (L-akbar uġiegħ, huwa l-uġiegħ t'issa). Hekk hu, għax, dejjem tħoss dak li tkun fih, m'hux dak li għadda. Id-dwejjaq meta jkunu għaddew, għal kemm ma tinsiehomx għal kollox, ma tibqax tbati bihom.

*El-ansân, ħâkem nefsu.* (Raġel hu minn jikkmanda, jaħkem, lilu n-nifsu). Hekk hu ta' bil-ħaqq. Nies, biex ikun jistħoqqlu l-isem ta' nies, irid iliġġem ġibdietu u jagħmel dejjem dak li turih ir-raġuni li għandu jagħmel m'hux, jagħmel dak li jfettillu dak il-ħin bla ma jqisha xej.

*Ja wêlu li jħibb miħabbet il-għelq!* (Ibża minn min iħobbok bl-imħabba tas-sangisug!). Għax is-sangisug jaqbad miegħek biex jixrob minn demmek u meta jixba', jitilqek. U hekk jagħmlu xi ħbieb, u wkoll xi qraba. Iduru miegħek u jfaħħruk u jagħmlulek il-*kumplimenti* sa kemm tislifhom il-flus u tagħtihom ir-rigali. U meta ma jibqalekx x'jeħdulek, ma tarahomx aktar b'għajnejk.